Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,553, 23 ta' Diċembru, 1997
Taqsima B

A.L. 228 ta' l-1997

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni ta' l-1997 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Repubblika Ċeka)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel l-ordni li ġej:–

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika Ċeka). Titolu.

2. Qiegħed b'dan jiġi dikjarat :— Arranġamenti jkollhom sehh.

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni ġew magħmula mal-Gvern tar-Repubblika Ċeka sabiex jingħata ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin stabbiliti bil-liġijiet tar-Repubblika Ċeka:

(*i*) it-taxxa fuq l-*income* ta' individwi;

(*ii*) it-taxxa fuq l-*income* ta' persuni ġuridiċi;

(*iii*) it-taxxa fuq il-proprjetà immobbli;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fis-6 ta' Ġunju, 1997.

SKEDA

FTEHIM BEJN MALTA U R-REPUBBIKA ĊEKA GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA U BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME* U FUQ IL-KAPITAL

Malta u r-Repubblika Ċeka, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-ħelsien minn taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital, ftehmu kif ġej:

ARTIKLU 1

Għan Personali

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li huma residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn.

ARTIKLU 2

Taxxi Koperti

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital imposti f'isem Stat Kontraenti jew l-oqsma politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital dawk it-taxxi kollha li jiġu imposti fuq *income* totali, fuq il-kapital totali, jew fuq elementi ta' *income* jew ta' kapital inklużi taxxi fuq kull qliegħ li jsir mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsa minn impriżi, kif ukoll taxxi fuq apprezzament kapitali.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika l-Ftehim huma:

(a) fir-Repubblika Ċeka:

(i) it-taxxa fuq l-*income* ta' individwi;

(ii) it-taxxa fuq l-*income* ta' persuni ġuridiċi;

(iii) it-taxxa fuq il-proprjetà immobbli;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa Ċeka");

(b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income;*
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa bħalhom jew li sostanzjalment tixbaħhom li tiġi imposta wara d-data tal-firma ta' dan il-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet tagħhom rispettivi li jirrigwardaw it-taxxa.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artiklu, dan il-Ftehim ma japplikax għal taxxa mħallsa jew li titħallas f'Malta skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (13) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) dwar l-*income* taxxabbli ta' persuna li tkun taħdem fil-produzzjoni ta' żejt *petroleum* li jiġi prodott f'Malta jew ta' kull provvediment ieħor li jkun sostanzjalment simili u li jiġi impost wara d-data tal-firma ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 3

Tifsiriet Ġenerali

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) il-frażi "Repubblika Ċeka" meta użata f'sens ġeografiku, tfisser it-territorju li fuqu r-Repubblika Ċeka taħt il-liġijiet Ċeki u skond id-dritt internazzjonali, tista' teżerċita d-drittijiet ta' sovranità tagħha;

(b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-Arċipelagu Malti, flimkien ma' l-ibħra territorjali tagħhom, u kull area barra mill-baħar territorjali ta' Malta li hi hekk imsemmija jew aktar 'il quddiem tista' tissejjaħ, skond il-liġi internazzjonali u taħt il-liġi ta' Malta dwar il-blata kontinentali, bħala area li fiha d-drittijiet ta' Malta dwar qiegħ il-baħar u s-sottoswol u r-riżorsi naturali tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati;

(ċ) il-frażi "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru, skond ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem, ir-Repubblika Ċeka jew Malta;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ieħor ta' persuni;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull għaqda korporata jew kull enti li titqies bħala għaqda korporata għall-finijiet ta' taxxa;

(f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża li titmexxa minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża li titmexxa minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) il-frażi "ċittadin" tfisser:

(i) individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(ii) persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li jiksbu l-istatus tagħhom bħala hekk mil-liġijiet li jkunu fis-seħħ fi Stat Kontraenti;

(ħ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport b'bastiment, b'inġenji ta' l-ajru jew b'vettura fuq l-art imħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, barra minn meta l-bastiment, l-inġenji ta' l-ajru jew vettura fuq l-art ikunu mħaddma biss bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(i) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-każ tar-Repubblika Ċeka, il-Ministru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(ii) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha l-istess tifsir kif mogħti lilha taħt il-liġi ta' dak l-Istat dwar it-taxxi li dan il-Ftehim japplika għalihom.

ARTIKLU 4

Residenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, hija suġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, ir-residenza, post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta bħal din. Iżda din il-frażi ma tinkludix lil xi persuna li tkun suġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat jew ta' kapital li jkun jinsab f'dak l-Istat.

2. Fejn minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istat tiegħu għandu jiġi determinat kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti unikament ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li huwa residenti

unikament ta' l-Istat li miegħu ir-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interess vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interess vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti fl-ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti unikament ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa s-soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti unikament ta' l-Istat li tiegħu jkun ċittadin;

(d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

3. Meta minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti unikament ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-post tal-maniġġ effettiv tagħha.

ARTIKLU 5

Stabbiliment Permanenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-fraži "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għal kollox jew f'parti x-xogħol ta' impriża.

2. Il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol; u

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inkluż sit ta' *offshore drilling*.

3. Il-fraži "stabbiliment permanenti" bl-istess mod tkopri wkoll:

(a) art li tkun qegħda tinbena, proġett ta' kostruzzjoni, assemblaġġ jew stallazzjoni jew attivitajiet superviżorji li għandhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dawk l-art, proġett jew attivitajiet ikomplu għal żmien iktar minn disa' xhur;

(b) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsult u maniġerjali, minn impriża permezz ta' impjegati jew ta' persunal ieħor imħaddma mill-impriża għal dan l-għan, iżda biss meta attivitajiet ta' dik ix-xorta jkomplu ġewwa Stat Kontraenti għal perijodu jew perijodi li b'kollox jammontaw għal iktar minn sitt xhur f'perijodu wieħed ta' tnax il-xahar.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim;

(ċ) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija, jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

(e) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' reklamar, għat-twassil ta' informazzjoni, għal riċerka xjentifika jew għal kull attività bħalhom ta' xorta preparatorja jew awżiljarja, għall-impriża; u

(f) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju biss għal xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), sakemm l-attività sħiħa tal-post fiss ta' negozju li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna — li ma tkunx aġent ta' status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 6 — taġixxi għan-nom ta' impriża u għandha, u soltu twettaq, fi Stat Kontraenti awtorità li tikkonkludi kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li għandha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat dwar kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 li, jekk jiġu eżerċitati minn post tan-negozju fiss, ma jirrendux lil dan il-post tan-negozju fiss stabbiliment permanenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ta' Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għaliex biss tmexxi negozju f'dak l-Istat ieħor permezz ta' sensal, aġent ġenerali b'kummissjoni jew xi aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom. Iżda, sakemm l-attivitajiet ta' dak l-aġent ikunu qegħdin jitwettqu għalkollox jew kważi għalkollox għal dik l-impriża, huwa ma għandux jitqies bħala aġent ta' status indipendenti fis-sens ta' dan il-paragrafu.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tmexxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi xi waħda mill-kumpanniji bħala stabbiliment permanenti ta' l-oħra.

ARTIKLU 6

Income minn Proprjetà Immobiljari

1. *Income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobiljari (inkluż *income* minn xogħol fl-agrikoltura jew fil-boskijiet) sitwata fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobiljari" għandu jkollha l-istess tifsir li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih il-proprjetà li tkun hija sitwata. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobiljari, bhejjem u tagħmir użati fl-agrikoltura u fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar proprjetà terrena, użufrutt ta' proprjetà immobiljari u drittijiet għal ħlasijiet li jvarjaw jew fissi bħala kumpens għall-ħdim ta', jew għall-jedd li jinħadmu, jew li jiġu esplorati, depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobiljari.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xort'oħra ta' proprjetà immobiljari.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobiljari ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobiljari li tkun użata għall-qadi ta' servizzi personali indipendenti.

ARTIKLU 7

Profitti minn Negozju

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu taxxabbli f'dak l-Istat biss kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tmexxi negozju kif intqal qabel, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss dik il-parti minnhom li tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti f'kull Stat Kontraenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-

istess kundizzjonijiet jew ohrajn bhalhom u li tahdem indipendentement ghal kollox mill-impriża li tagħha hija stabbiliment permanenti jew minn impriżi assoċjati ohra li tkun tittratta magħhom.

3. Biex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bhala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet ta' l-istabbiliment permanenti, magħduda l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jsiru, u li jkunu jitnaqqsu li kieku l-istabbiliment permanenti kien enti indipendenti li jkun hallas dawk l-ispejjeż, sew jekk ikunu saru fl-Istat Kontraenti li fih ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew jekk ikunu saru band'ohra.

4. Fil-qies li jkun hekk konswetudinarju fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti attribwibbli lil stabbiliment permanenti fuq il-bażi tat-tqassim tal-profitti kollha ta' l-impriża lill-ishma diversi tagħha, ebda haġa fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi x'ikunu l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim kif jista' jkun konswetudinarju; il-mod ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, ikun wieħed tali li r-riżultat ikun skond il-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artiklu.

5. Ma għandhom jiġu attribwiti ebda profitti lil stabbiliment permanenti minħabba x-xiri biss minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess mod minn sena għal sena kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u biżżejjed biex isir kuntrarju.

7. Meta profitti jinkludu oġġetti ta' *income* li qed jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, allura d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma jkunux milquta bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu.

8. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jolqtu d-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Stat Kontraenti dwar it-Tassazzjoni ta' profitti mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni.

ARTIKLU 8

Traffiku Internazzjonali

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti mit-thaddim ta' bastimenti, inġenji ta' l-ajru jew vetturi fuq l-art fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 japplikaw ukoll għal profitti ġejjin mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija operattiva internazzjonali.

ARTIKLU 9

Impriżi Assoċjati

1. Meta

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ jiġu magħmula jew imposti kundizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji ta' bejniethom li ma jaqblux ma' dawk li kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ profitti li, kieku ma kinux dawk il-kundizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda, minħabba dawk il-kundizzjonijiet, ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat – u jintaxxa skond hekk – profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk magħduda jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat imsemmi kieku l-kundizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, allura dak l-Istat l-ieħor għandu jagħmel it-tibdil xieraq fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit it-tibdil, għandu jittieħed qies xieraq tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk iħossu l-bżonn jikkonsultaw lil xulxin.

3. Stat Kontraenti m'għandux jibdel il-profitti ta' impriża fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2 wara li jkunu skadew it-termini statutorji provduti fil-liġijiet nazzjonali tiegħu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 m'għandhomx ikunu japplikaw fil-każ ta' frodi, nuqqas volontarju jew negliġenza.

ARTIKLU 10

Dividendi

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Iżda, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istati Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti tar-Repubblika Ċeka lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa Ċeka hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn ħamsa fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti ta' Malta lil residenti tar-Repubblika Ċeka li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi m'għandhiex tkun iżjed minn dik fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu ma jolqotx it-tassazzjoni tal-kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

3. Il-frażi "dividendi" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn azzjonijiet, jew drittijiet oħra, li ma jkunux talbiet għal dejn, li jipparteċipaw fil-profitti, kif ukoll *income* minn jeddijiet korporattivi oħra li huwa meqjus għall-fini tat-taxxa l-istess bħal *income* minn azzjonijiet skond il-liġijiet dwar it-taxxi ta' l-Istat li fih tkun residenti l-kumpannija li tagħmel it-tqassim.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor, li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizz personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief meta dividendi bħal dawn jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew safejn il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu x'jaqsam effettivament ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilit sitwat f'dak l-Istat l-ieħor, jew jissuġġetta l-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija, anki jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux distribwiti jikkonsistu f'kollox jew f'parti minnhom minn profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 11

Mgħax

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli f'dak l-Istat l-ieħor biss, jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju ta' dak l-imgħax.

2. Il-fraži "mgħax" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn drittijiet għal dejn ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le, u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn assigurazzjonijiet tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inkluż kull *premium* u rigal relatat ma' dawk l-assigurazzjonijiet, *bonds* jew *debentures*. Dawk il-penali li jiġu imposti minħabba fi ħlas tardiv ma għandhomx jitqiesu bħala mgħax għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak l-Istat l-ieħor minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt għal dejn li dwaru jitħallas l-imgħax ikollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

4. Meta, minħabba relazzjoni speċjali bejn min iħallas u min jirċievi li jkun is-sid benefiċjarju jew bejniethom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax, meta titqies xi tkun il-pretensjoni dovuta li jkun qed jitħallas għaliha, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u min jirċievi fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meqjusa b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 12

Royalties

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. B'dan illi, dawn ir-*royalties* jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istat Kontraenti li fih jinqalgħu, u skond il-liġijiet ta' l-Istat, iżda jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties* ikun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa hekk imposta ma għandhiex tkun iżjed minn ħamsa fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties*.

3. Il-fraži "*royalties*" għall-iskop ta' dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta riċevuti bħala kumpens għall-użu, jew għall-jedd ta' l-użu, ta' xi dritt ta' awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi, u films jew *tapes* għax-xandir bit-televiżjoni jew bir-radju, ta' xi invenzjoni, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formola jew proċess sigriet, jew ta' xi tagħmir industrijali, kummerċjali, jew xjentifiku, jew għal tagħrif dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma ghandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qed jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarha jitħallsu r-*royalties* ikollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dak il-bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

5. *Royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun dak l-Istat innifsu, qasam politiku, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, iżda, il-persuna li tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li dwaru jkun ittieħed l-obbligu li jitħallsu r-*royalties* u dawk ir-*royalties* ikunu r-responsabbiltà ta' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat Kontraenti li fih ikun qiegħed l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilit.

6. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom stess u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, wara li jitqies xi jkun l-użu, l-jedd jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 13

Trasferiment ta' Proprjetà

1. *Income* jew qliegħ miksub minn residenti ta' Stat Kontraneti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli msemmija fl-Artiklu 6 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. *Income* jew kull qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi fissa lil residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak l-*income* jew qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi fissa, jista' jiġi intaxxat fl-Istat l-ieħor.

3. *Income* jew qliegħ mit-trasferiment ta' ishma jew interessi simili f'kumpannija, li l-assi tagħha jkunu prinċipalment jikkonsistu direttament jew indirettament fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat.

4. *Income* jew kull qliegħ mit-trasferiment ta' bastimenti, inġenji ta' l-ajru, jew vetturi fuq l-art imħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti, jew mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tappartjeni għat-thaddim ta' dawk il-bastimenti, inġenji ta' l-ajru jew vetturi fuq l-art għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

5. *Income* jew kull qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artiklu għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li fih ikun resident min jittrasferixxi.

ARTIKLU 14

Servizzi Personali Indipendenti

1. Qliegħ miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat. Iżda, dak il-qliegħ jista' fiċ-ċirkostanzi li ġejjin jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

(a) jekk ikollu bażi fiss regolari għad-dispożizzjoni tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-qadi ta' l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ, dik il-parti biss mill-*income* tiegħu li hu attribwibbli għal dak il-bażi fiss tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal żmien jew żminijiet li fit-total ikunu jġibu jew jaqbżu l-120 ġurnata matul xi perijodu ta' tnax-il xahar li jibda jew jintemm fis-sena fiskali relattiva; f'dak il-każ, dik il-parti biss mill-*income* tiegħu li jinkiseb mill-attività eżerċitata fl-Istat Kontraenti l-ieħor tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Fil-kalkolazzjoni taż-żminijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' l-Artiklu 15 għandhom ikunu japplikaw.

3. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi speċjalment attivitajiet indipendenti xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim kif ukoll attivitajiet indipendenti ta' tobba, kirurġi, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

ARTIKLU 15

Servizzi Personali Dipendenti

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 18 u 19, salarji, pagi u kumpens ieħor bħal dan li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor ikun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk jitwettqu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) min jirċevih ikun qiegħed fl-Istat l-ieħor għal żmien jew żminijiet li fit-total ma jkunux aktar minn 183 ġurnata matul xi perijodu ta' tnax-il xahar li jibda jew jintemm fis-sena fiskali relattiva, u

(b) il-kumpens ikun imħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' l-Istat l-ieħor, u

(ċ) dak il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Fil-kalkolazzjoni taż-żminijiet imsemmija fil-paragrafu 2(a), dawn il-ġranet li ġejjin għandhom jiġu inklużi:

(a) dawk il-ġranet kollha ta' preżenza fiżika inklużi l-ġranet tal-wasla u tat-tluq, u

(b) ġranet li jitqattgħu barra mill-Istat ta' attività bħalma huma s-Sibtijiet u l-Ħdud, vaganzi nazzjonali, vaganzi, vjaġġi bi skop ta' negozju konnessi li warajhom l-attività tkun tkompliet fuq it-territorju ta' dak l-Istat.

4. Il-frażi "prinċipal" imsemmija fil-paragrafu 2(b) tfisser il-persuna li jkollha jedd fuq il-ħidma magħmula u li jkollha r-responsabbiltà u r-riskju marbutin mat-twettiq tal-ħidma.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, kumpens miksub dwar impieg eżerċitat abbord bastiment, inġenji ta' l-ajru, jew vettura fuq l-art imħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

ARTIKLU 16

Drittijiet tad-Diretturi

Id-drittijiet u ħlasijiet simili tad-diretturi li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kariga tiegħu bħala membru tal-bord tad-diretturi jew ta' xi organu simili ieħor ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 17

Artisti u Atleti

1. B'dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 14 u 15, *income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew mużiċisti, jew bħala atleta, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar l-attivitajiet personali eżerċitati minn wieħed li jagħti spettaklu jew atleta bħala ħekk jinqala' mhux minn dak li jagħti spettaklu jew minn atleta nnifsu imma minn persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn l-attivitajiet ta' dak li jagħti spettaklu jew ta' l-atleta jiġu eżerċitati.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, *income* li jinkiseb mill-attivitajiet, kif imfissra fil-paragrafu 1, imwettqa fil-kuntest ta' skambji kulturali bejn il-Gvernijiet taż-żewġ Stati, ikun eżenti mit-taxxa fl-Istat Kontraenti li fih jitwettqu dawn l-attivitajiet.

ARTIKLU 18

Pensjonijiet

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 19, kull pensjoni u rimunerazzjoni oħra simili li titħallas lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'impieg li kellu qabel għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-pensjonijiet imħallsa u ħlasijiet oħra li jinħarġu bis-saħħa tal-liġijiet tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

ARTIKLU 19

Servizz tal-Gvern

1. (a) Salarji, pagi u rimunerazzjoni simili oħra, barra minn pensjoni, imħallsa minn Stat Kontraenti jew minn qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew qasam jew awtorità lokali jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(b) B'dan illi, dawk is-salarji, pagi u rimunerazzjoni simili oħra ikunu jistgħu jiġu intaxxati biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat li:

(i) ikun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat sabiex unikament jaqdi dawk is-servizzi.

2. (a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li toħroġ minn fond maħluq minn Stat Kontraenti jew qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew qasam jew awtorità tista' tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dik il-pensjoni tkun tista' tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti u ċittadin ta' dak l-Istat.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 15, 16 u 18 għandhom japplikaw għal salarji, pagi u rimunerazzjoni simili oħra, u għal pensjonijiet dwar servizzi mogħtija dwar negozju mmexxi minn Stat Kontraenti jew minn qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu.

4. Meta jitħallsu xi salarji, pagi, u rimunerazzjoni simili oħra bis-saħħa ta' programm ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' Stat Kontraenti, minn fondi esklussivament provduti minn dak l-Istat lil xi speċjalista jew voluntier li jkun sekondat għal ma' l-Istat Kontraenti l-ieħor bil-kunsens ta' dak l-Istat, dik ir-rimunerazzjoni għandha tkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi.

ARTIKLU 20

Studenti u Apprendisti fil-Kummerċ

Student jew apprendist fil-kummerċ li jkun preżenti fi Stat Kontraenti biss bil-għan ta' l-edukazzjoni jew tat-taħriġ tiegħu u li jkun, jew minnufih qabel ma kien hekk preżenti li kien, residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat l-ewwel imsemmi dwar ħlasijiet li huwa jirċievi minn barra minn dak l-Istat l-ewwel imsemmi għall-għanijiet tal-manteniment, edukazzjoni jew taħriġ tiegħu.

ARTIKLU 21

***Income* ieħor**

1. Sorsi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jitnisslu fejn jitnisslu, li ma jiġux trattati fl-Artikli ta' qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 6,

jekk min jirċievi dak l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi fiss li jkun jinsab f'dak l-Istat, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikollu x'jaqsam b'mod effettiv ma' dak l-istabbiliment jew bażi fiss. F'dak il-każ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

ARTIKLU 22

Kapital

1. Dak il-kapital li jkun jikkonsisti fil-proprjetà immobbli msemmija fl-Artiklu 6, li tkun proprjetà ta' residenti ta' Stat Kontraenti u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Dak il-kapital li jkun jikkonsisti fi proprjetà mobbli u li tkun tagħmel sehem mill-proprjetà kummerċjali ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew fi proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi fissa disponibbli lil residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jintgħamlu servizzi personali indipendenti, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

3. Dak il-kapital li jkun jikkonsisti f'bastimenti, inġenji ta' l-ajru u vetturi fuq l-art, imħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti fi traffiku internazzjonali u fi proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawn il-bastimenti, inġenji ta' l-ajru u vetturi fuq l-art, għandu jkun intaxxat biss f'dak l-Istat li fih tkun tinsab l-impriża.

4. Dawk l-elementi oħra kollha ta' kapital ta' residenti ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu intaxxati biss f'dak l-Istat.

ARTIKLU 23

Tneħħija ta' Taxxa Doppja

1. Fil-każ ta' Malta, it-taxxa doppja għandha tiġi mneħħija kif ġej:

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar li jiġi permess kreditu fit-taxxa ta' Malta dwar taxxa barranija, meta, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun ġewwa r-Repubblika Ċeka, it-taxxa Ċeka fuq dak l-*income* għandha tingħata bħala kreditu fit-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqha.

2. Fil-każ tar-Repubblika Ċeka, it-taxxa doppja għandha tiġi mneħħija kif ġej:

Ir-Repubblika Ċeka, meta tkun qegħda timponi t-taxxi fuq ir-residenti tagħha, tista' tinkludi fil-bażi ta' taxxa li fuqha jiġu imposti dawk it-taxxi is-sorsi ta' *income* jew kapital li skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu ukoll

jiġu intaxxati f'Malta, iżda għandha tippermetti bħala kreditu għall-ammont ta' taxxa kalkolata fuq dik il-bażi ammont li jkun daqsinsew it-taxxa mħallsa f'Malta. Dak il-kreditu m'għandux, madankollu, jeċċedi lil dik il-parti tat-taxxa Ċeka, bħalma tiġi kalkolata qabel ma jingħata il-kreditu, li tkun xierqa skond l-*income* jew kapital li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta.

3. Meta l-Ftehim ikun jipprovdi li *income* li joriġina fi Stat Kontraenti għandu jinħeles mit-taxxa f'dak l-Istat, sew għalkollox sew f'parti minnu, u, skond il-liġi li tkun fis-seħħ fl-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-*income* ikun suġġett għat-taxxa b'referenza għall-ammont minnu li jkun mibgħut jew li jiġi riċevut f'dak l-Istat l-ieħor u mhux b'referenza għall-ammont shih tiegħu, għaldaqshekk il-ħelsien li jkun permess fl-Istat l-ewwel imsemmi għandu jkun japplika biss għal daqstant mill-*income* daqskemm jintbagħat lura jew jiġi riċevut fl-Istat l-ieħor.

4. Għall-għanijiet ta' għoti ta' kreditu, it-taxxa li għandha titħallas fir-Repubblika Ċeka jew f'Malta, skond kif ikun meħtieġ, għandha titqies li tinkludi dik it-taxxa li altrimenti titħallas fi Stat Kontraenti iżda li tkun ġiet imnaqqsa jew ċeduta minn dak l-Istat bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet legali tiegħu dwar inċentivi rigward it-taxxa.

ARTIKLU 24

Ebda Diskriminazzjoni

1. Ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li għandha x'taqsam magħha, li ma tkunx jew li tkun ta' piż aktar mit-tassazzjoni u ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari dwar ir-residenza, huma jew jistgħu jkunu suġġetti. Din id-dispożizzjoni għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 1, tkun ukoll tapplika għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi wieħed minn, jew taż-żewġ, Stati Kontraenti.

2. It-tassazzjoni fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandhiex tinġabar f'dak l-Istat l-ieħor b'mod inqas favorevoli mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi f'dak l-Istat l-ieħor li jmexxu l-istess attivitajiet. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tiftiehem bħala li tobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lir-residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowance*, ħelsien jew tnaqqis personali għall-għanijiet tat-tassazzjoni minħabba fl-istat ċivili jew fir-responsabbiltajiet tal-familja li jikkonċedi lir-residenti tiegħu nnifsu.

3. Hlief meta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 9, tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 11, jew tal-paragrafu 6 ta' l-Artiklu 12 ikunu japplikaw, kull mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jsiru minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, bil-għan li jiġi stabbilit il-qliegħ taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet daqslikieku kienu tħallsu lil residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi. Bl-istess mod, l-ammonti dovuti minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, bil-għan li jiġi stabbilit

il-kapital taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet bħallikieku dawn kienu ġew kuntrattati lil residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

4. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun proprjetà ta' jew ikkontrollat minn, għal kollox jew f'parti, direttament jew indirettament, residenti wieħed jew aktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li għandha x'taqsam magħha li tkun oħra jew ta' aktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li impriżi oħra bħalhom ta' dak l-Istat l-ewwel imsemmi huma jew jistgħu jkunu suġġetti għalihom.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 2, ikunu japplikaw għal taxxi ta' kull xorta u għamla li jaqgħu taħt dan il-Ftehim.

ARTIKLU 25

Proċedura għal Ftehim Reċiproku

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn iwasslu jew jistgħu jwasslu li tiġi intaxxata mhux skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hija tista', minkejja r-rimedji provduti bil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, tippreżenta l-każ tagħha lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu hija residenti jew, jekk il-każ tagħha jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 24, lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tagħha tkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi preżentat fi żmien tlett snin mill-ewwel notifika ta' l-azzjoni li tirriżulta f'tassazzjoni li ma tkunx skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tara, jekk din ikun jidhrilha li l-oġġezzjoni tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tiddeċiedi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni mhux skond dan il-Ftehim. Kull ftehim milhuq għandu jitwettaq minkejja kull żmien ta' skadenza stipulat fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jaraw li jirrisolvu bi ftehim reċiproku xi diffikultajiet jew dubbji li jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu ukoll jikkonsultaw flimkien dwar it-tneħħija tat-taxxa doppja f'dawk il-każi li ma jiġix provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar kif hemm fil-paragrafi ta' qabel. Meta sabiex jintlaħaq ftehim jidher li jkun rakkomandabbli li jsir skambju orali ta' fehmiet, dak l-iskambju jista' jseħħ tramite Kummissjoni li tkun tikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti.

ARTIKLU 26

Tibdil ta' Informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jibdlu dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti dwar taxxi milquta bil-Ftehim safejn it-tassazzjoni ma tmurx kontra l-Ftehim. It-tibdil ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artiklu 1. Kull informazzjoni li tasal għand Stat Kontraenti għandha titqies sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha titgħarraf biss lil persuni jew awtoritajiet (magħduda qrati u korpi amministrattivi) imdaħħla fl-istima jew ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew il-qtugħ ta' appelli dwar, it-taxxi li jaqgħu taħt il-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw l-informazzjoni għal dawk l-għanijiet biss. Huma jistgħu jikxfu dik l-informazzjoni fi proċedimenti li jsiru f'qorti pubblika jew f'sentenzi tal-qorti.

2. F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu jitqiesu li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jieħu miżuri amministrattivi li ma jaqblux mal-liġijiet jew l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-iehor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-iehor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet tal-kummerċ, tan-negozju, industrijali, kummerċjali jew professjonali jew proċess tal-kummerċ, jew li jagħti informazzjoni li l-kxif tagħha jkun kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

ARTIKLU 27

Membri ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Uffiċċji Konsulari

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' uffiċċji konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

ARTIKLU 28

Bidu fis-Seħħ

1. L-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin meta jkunu twettqu l-ħtiġiet kostituzzjonali għall-bidu fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim għandu jibda jseħħ fid-data ta' l-aħħar avviż mogħti skond ma hemm fil-paragrafu 1 u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom seħħ:

(a) fir-Repubblika Ċeka:

(i) dwar taxxi li jinżammu f'ras il-għajn, għal dawk l-ammonti miksubin fi jew wara l-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja li tiġi minnufih wara dik li fiha jibda jseħħ il-Ftehim;

(ii) dwar taxxi oħra fuq l-*income* u taxxi fuq il-kapital, għal taxxi li jinġabru dwar xi sena taxxabbli li tibda fi jew wara l-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja li tiġi minnufih wara dik li fiha jibda jseħħ il-Ftehim;

(b) f'Malta:

dwar taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew żmien ta' kontijiet, skond il-każ, li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data li fiha jibda jseħħ il-Ftehim.

ARTIKLU 29

Terminazzjoni

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi terminat minn Stat Kontraenti. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' jtemm il-Ftehim, permezz ta' kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż tat-terminazzjoni mill-anqas sitt xhur qabel it-tmiem ta' xi sena kalendarja li tibda għaddejja wara l-iskadenza ta' perijodu ta' ħames snin minn meta l-Ftehim jibda jseħħ. F'dak il-każ, il-Ftehim ma għandux jibqa' fis-seħħ:

(a) fir-Repubblika Ċeka:

(i) dwar taxxi li jinżammu f'ras il-għajn, għal dawk l-ammonti miksubin fi jew wara l-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja li tiġi minufih wara dik li fiha jingħata l-avviż:

(ii) dwar taxxi oħra fuq l-*income* u taxxi fuq il-kapital, għal taxxi li jinġabru dwar xi sena taxxabbli li tibda fi jew wara l-1 ta' Jannar fis-sena kalendarja li tiġi minnufih wara dik li fiha jingħata l-avviż;

(b) f'Malta:

dwar taxxi fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew żmien ta' kontijiet, skond il-każ, li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data li fiha jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGHMUL in duplikat ġewwa Crans Montana illum 21 ta' Ġunju, 1996 fl-ilsien Ingliż.

JOHN DALLI
GHAL MALTA

IVAN KOČÁRNIK
GHAR-REPUBBLIKA ĊEKA